MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 112/2002/1

**Doris Mamo bhala mandatarja specjali**
**tal-assenti Lindsay James Abbot**

**v.**

**Bank of Valletta p.l.c. u b'digriet tas-16 ta' April 2004,**
**Jimmy Montebello u Mary Camilleri gew awtorizzati**
**sabiex jintervjenu fil-kawza.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-intervenuti fil-kawza u appell incidentali tal-konvenuti Bank of Valletta p.l.c. minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu 2008 li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-intervenuti fil-kawza u, waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, laqghet l-ewwel, tielet u raba' talba attrici. L-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* is-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"**Il-Qorti;**

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-31 ta' Jannar, 2002 li permezz tagħha l-attriċi *nomine* ppremettiet:

"Illi fl-20 ta' Awissu, 1997 mietet ġewwa l-Awstralja Connie Montebello magħrufa wkoll bħala Connie Abbot, mart l-assenti James Abbot;

"U li l-mejta Connie Montebello *sive* Connie Abbot kienet domiċiljata l-Awstralja;

"U li Connie Montebello mietet intestata u l-assenti Lindsay James Abbot huwa l-eredi universali tad-*decuius*, kif ġie wkoll konfermat mis-*Supreme Court of Victoria Probate Jurisdiction* ta' l-Awstralja (Dok. A);

"U li skond prinċipji dettati mid-Dritt Internazzjonali Privat kif enunċjati mill-Qrati Maltin l-assi mobbli tad-*decuius* huma regolati skond il-liġi tad-domiċilju tad-*decuius* fil-mument tal-mewt tagħha;

"U li l-mejta kienet tiddetjeni kontijiet bankarji fil-Bank of Valletta International Ltd;

"U li l-assi u d-debiti tas-soċjeta` Bank of Valletta International Ltd. ġew assunti mis-soċjeta` konvenuta u dan in vista ta' merġer bejn iż-żewġ soċjetajiet;

"U li s-soċjeta` konvenuta nterpellata sabiex tirrilaxxa l-fondi a favur l-imsemmi assenti Lindsay James Abbot baqgħet inadempjenti u rrifjutat li tirrilaxxa l-fondi favur l-assenti, u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

"Għaldaqstant tgħid is-soċjeta` konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra opportuna:

"1. Tiddikjara li Bank of Valletta p.l.c qegħda żżomm fondi tad-*decuius* Connie Montebello;

"2. Tillikwida l-fondi hekk miżmumin bl-imgħaxijiet li ddekorrew;

"3. Tiddikjara li l-assenti Lindsay James Abbot huwa l-uniku eredi tal-mejta Connie Montebello;

"4. Tordna lis-soċjeta` konvenuta tirrilaxxa l-fondi depositati a nom tal-mejta Connie Montebello magħrufa wkoll bħala Connie Abbot favur l-assenti Lindsay James Abbot b'effett immedjat.

"Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjeta` konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi *nomine* maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fil-25 ta' Frar, 2002, li permezz tagħha s-soċjeta` konvenuta eċċepiet:

"1. Illi preliminarjament l-attriċi Doris Mamo trid iġġib il-prova tal-Mandat tagħha permezz ta' prokura awtentikata skond il-liġi f'Malta.

"2. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, trid tiġi stabbilita qabel xejn l-identita` tad-*decuius* Connie Montebello *sive* Micallef *sive* Abbot sabiex l-attur Lindsay James Abbot ikun jista' jġib il-prova li huwa eredi tal-persuna li għandha flus depositati mas-soċjeta` eċċipjenti.

“3. Illi subordinatament imma anke dan *in via* preliminari, irid jiġi stabbilit liema hija l-liġi applikabbli f’dan il-każ, u *cioe’* jekk hijiex dik Awstraljana jew dik Maltija. Jiġi rilevat illi għalkemm l-attriċi ssostni li d-domiċilju kien l-Awstralja, il-mejta Carmen Montebello *sive* Micallef *sive* Abbot hija persuna mwielda ż-Żejtun Malta, miżżewġa ż-Żejtun Malta u li ġiet midfuna Malta.

“4. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, is-soċjeta` eċċipjenti ġiet rinfaċċata b’żewġ talbiet kontestwali minn persuni li qed jirreklamaw li huma werrieta ta’ l-imsemmija Carmen Montebello *sive* Micallef *sive* Abbot u *cioe’* l-attur Lindsay James Abbot u ħut l-istess *decuius* Joseph u Marico Montebello skond testment li kopja tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata Dok. BOV1 u għalhekk f’dan l-istadju għandhom jiġu kjamati in kawża wkoll Joseph u Marico Montebello.

“5. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, jekk it-talba attriċi tiġi milqugħa fil-meritu, l-eċċipjenti ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta’ din il-kawża, *stante* li kienet ġustifikata minħabba n-nuqqas ta’ prova dwar identita`, domiċilju u talbiet konkorrenti *qua* eredi mill-attur u mill-kjamati in kawża għall-istess attiv depositat magħha.

“Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta` konvenuta maħlufa mill-Prokuratur Legali Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda.

“Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu, 2002 li permezz tagħha l-Bank konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni.

“Rat id-digriet tas-16 ta’ April, 2004 li permezz tiegħu ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża Mary Camilleri u Jimmy Montebello.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-18 ta’ Novembru, 2004, li permezz tagħha l-istess intervenuta Mary Camilleri eċċepiet:

“1. Illi fl-ewwel lok l-attur ma għandu ebda *locus standi judicio* f’din il-kawża *stante* li dak li qiegħed jissejjaħ żwieġ ma jistax jiġi rikonoxxut mil-liġi Maltija *stante* li l-proċess

tad-divorzju li sar l-Awstralja la seta` u lanqas ma ġie reġistrat hawn Malta u għalhekk l-imsemmi huwa biss ħabib tad-*decuius* u ma għandux ebda parentela magħha in virtu tal-liġi Maltija.

“2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet ta’ l-atturi għandhom jiġu miċħuda *stante* li l-eċċipjenti huma l-werrieta tal-mejta oħthom Connie Montebello u dan billi hija kienet indikat dan b’testment rilaxxat f’dawn il-gżejjer u li għalhekk dan għandu jipprevali.

“3. Illi fit-tielet lok mingħajr preġudizzju għas-suespost billi jirriżulta li d-domiċilju tad-*decuius* kien Malta billi hija kienet xtrat proprjeta` hawn sabiex tiġi tgħix definittivament hawn u huma l-aħwa li huma l-werrieta.

“4. B’riserva ta’ eċċezzjonijiet oħra.

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-intervenuta fil-kawża maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Diċembru, 2007 li permezz tagħha l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Kif jidher miċ-ċitazzjoni l-attriċi qed tipproponi l-kawża f’isem l-assenti Lindsay James Abbott li kien miżżewweġ lil Connie Montebello. Din mietet l-Awstralja fl-1997 u billi kienet tiddetjeni kontijiet bankarji mal-Bank konvenut, il-mandanti ta’ l-attriċi talab li dawn jiġu rilaxxati lilu bħala l-eredi tagħha skond l-atti tal-Qorti ta’ l-Awstralja li ġew esebiti maċ-ċitazzjoni.

“Il-Bank ma laqax din it-talba għaliex kellu diffikolta’ jidentifika l-eredi tal-mejta billi kellu wkoll talba kontestwali f’dan is-sens mingħand ħut il-mejta skond testment li sar l-Awstralja fl-1976.

“Fis-seduta tat-28 ta’ Mejju, 2002 xehed Henry Delezio, *bank manager* li qal li fis-26 ta’ Awissu, 1997 irċieva ittra

mingħand Dr. C Mifsud Bonnici f'isem John Mary Montebello u Mary Camilleri li skond l-Avukat imsemmi setgħu kienu eredi tal-mejta u għalhekk insista li ma jiġux rilaxxati flus tagħha sakemm jiġu aċċertati l-affarijiet. Eventwalment il-bank irċieva wkoll dokumenti da parti ta' l-attur fis-sens li *gia'* intqal. Minħabba f'hekk il-bank ma setax jiddeċiedi lil min jirrilaxxa l-flus.

"L-attur ippreżenta affidavit a fol 36 fejn qal li żżewweġ lill-mejta fl-1981. Hija kienet miżżewġa qabel lil Emanuel Micallef (divorzjata skond id-dokument C fi Frar 1978) u kienet toqgħod Melbourne sakemm mietet. Ġiet Malta tliet darbiet u *cioe*` fl-1979, 1984 u 1985 biex tara xi qraba viċini li kienu waslu biex imutu. Fl-1984 hu u martu fetħu kont bankarju mal-Bank konvenut u hi xtrat xi proprjeta` għax kienet tħobb tinnegozja. Iżda aktar tard saħħitha bdiet tnaqqas u bigħet dawn il-proprjetajiet. Taw prokura lin-neputija tal-mejta Joanne. Minħabba f'hekk inqala' inkwiet ma' l-intevenut Jimmy Montebello u sakemm mietet fl-1997 ma reġgħux tkellmu. Sakemm kienu miżżewgin kemm hu u kemm martu kienu jaħdmu u hi kienet perjodikament tibgħat flus fil-kont f'Malta *gia'* imsemmi. Meta mardet iddepositat iktar flus f'dan il-kont biex tikkwalifika għal pensjoni fl-Awstralja. Hija kienet qaltlu li kienet għamlet testment fl-1976 fl-Awstralja iżda dan ma kienx għadu validu billi żżewġet wara. Meta mietet, billi dejjem xtaqet tindifen Malta ma' qrabatha, ħass li kellu jżomm ma' din ix-xewqa tagħha u ħaseb għat-trasport tal-kadavru lejn Malta. Il-mejta ma kellhiex tfal mill-ebda żwieġ tagħha. Il-qrabat tagħha pprovaw joħorġuh mid-dar konjugali iżda ma rnexxielhomx għaliex hu kellu l-ittri ta' amminstrazzjoni mill-Qorti tal-Awstralja li ġew esebiti maċ-ċitazzjoni.

"L-attur ġie kontro-eżaminat fis-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2002 fejn tista' tgħid insista ma' dak li qal fl-affidavit. Huwa reġa' ppreżenta affidavit ieħor a fol 48 fejn spjega li hu u martu kienu jafu li malli żżewġu t-testment li għamlet martu fl-1976 ġie awtomatikament revokat.

"John Mary Montebello xehed a fol 56 fejn qal illi l-mejta hija zitu u ħutha f'Malta kienu mietu qabilha. Hu u oħtu

Mary sabu li kienet għamlet testment u jsostni li l-flus imissu lilhom għax l-attur ġieli kien jitlaq mid-dar u ma jgħix ma martu u huma żammew kuntatt magħha. Huma ma għamlux proċeduri għax qed jistennew l-esitu ta' din il-kawża.

"Fil-24 ta' Frar, 2005 xehed il-Prokuratur Legali Joseph Zammit illi ppreżenta żewġ *statements* ta' kontijiet f'isem l-mejta u dawn iġibu n-numri rispettivi *Savings Account number* 11911528039 u 11911528026 (fol 84). Ġie ppreżentat ukoll minn uffiċjal tar-Reġistru Pubbliku ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-mejta ma' Emanuel Micallef fl-1956 u ġie kkonfermat li ma ġie reġistrat xejn iktar fis-sens li ma jirriżultax li ġie rreġistrat id-divorzju.

"Mary Camilleri ppreżentat affidavit a fol 135 fejn qalet li l-mejta hija oħt missierha u kienet taf li din iżżewġet lil Emanuel Micallef u dawn marru jgħixu l-Awstralja. Kienet għexet magħha fis-snin sittin meta marret għal tliet snin hemmhekk. Hija dejjem qieset li l-attur kien *ħabib* ta' zijitha u mhux żewġha għaliex Emanuel Micallef kien għadu ħaj sa dakinhar. Ġew imbagħad esebiti l-kuntratti relattivi għall-proprjetajiet imsemmija aktar qabel f'Malta. L-intervenuti kellhom ukoll jippreżentaw affidavit ieħor, iżda ma jirriżultax li dan sar.

"Kif jidher minn dak illi ntqal, il-kwistjoni prinċipali li trid tiġi deċiża hija waħda ta' dritt internazzjonali privat u *cioe'* liema liġi tapplika biex jiġi determinat min għandu dritt għall-kontijiet bankarji tal-mejta li jinsabu f'Malta. Ġie ripetut diversi drabi mill-Qrati tagħna li fejn ma hemmx liġi li tapplika għall-każ, għandhom jiġu addottati r-regoli tad-dritt internazzjonali privat tar-Renju Unit. *Fil-liġi tagħna ma jinstabux disposizzjonijiet li jirregolaw id-dritt internazzjonali privat u fi kwistjonijet li jaqgħu taħt dan id-dritt il-Qrati tagħna jimxu fuq ir-regoli tad-Dritt internazzjonali privat kif huma magħrufin u applikati fil-Qrati ta' l-Ingilterra.* **(**<u>Giovanna Spiteri vs Enrico Soler et</u> **–** Qorti ta' l-Appell - 22 ta' Ottubru, 1937). Dan l-insenjament ġie repetut diversi drabi u għalkemm probabbilment mibni fuq il-premessa dubjuża li dan id-dritt huwa branka tad-dritt pubbliku din il-Qorti ma tarax

għalfejn għandha tiddipartixxi minnu. Naturalment matul dawn l-aħħar snin daħlu diversi normi li jirregolaw uħud mir-regoli li japplikaw f'ċertu ċirkostanzi, iżda dan żgur ma sarx fir-rigward ta' kwistjoni bħal dik odjerna.

"Stabbilit dan, huwa ċar li fil-każ in eżami għandu japplika l-*lex domicili.* L-istess sentenza infatti wkoll tgħid illi *skond dawn il-prinċipji għandha ssir distinzjoni bejn ħwejjeġ mobiljari u ħwejjeġ immobiljari. Fil-każ tal-ħwejjeġ immobiljari hija r-regola li l-akkwist u t-trasferiment tagħhom b'kull xorta ta' titolu huma governati mill-ex rei sitae mentri fil-każ ta' ħwejjeġ mobiljari huma governati bħala regola ġenerali mil-liġi tad-domiċilju.* Fil-manwal magħruf **Private International Law – Cheshire and North,** (It-tlettax edizzjoni paġna 985) wieħed isib illi *It has been established for some two hundred and fifty years that movable property in the case of intestacy is to be distributed according to the law of the domicil of the intestate at the time of his death* u illi *the general rule is that testamentary succession to movables is governed exclusively by the law of the domicil of the deceased at the time of his death.*

"Għalhekk irid jiġi stabbilit x'kien id-domiċilju tal-mejta u huwa magħruf li l-kunċett ta' domiċilju fid-dritt Ingliż huwa differenti minn dak f'pajjiżi oħra. Huwa wkoll magħruf li d-definizzjoni tiegħu hija waħda mill-aktar diffiċli fil-kamp imsemmi. Fil-każ in eżami jidher ċar għall-Qorti li l-mejta akkwistat dak li hu msejjaħ ***domicil of choice*** bil-permanenza twila tagħha fl-Awstralja. Jirriżulta infatti anke miċ-ċertifikat tal-mewt tagħha li hija kienet ilha tgħix hemmhekk għal tnejn u tletin sena. Dan huwa biżżejjed għall-Qorti biex tasal għall-konklużjoni li hija kienet domiċiljata l-Awstralja. Il-fatt li ndifnet Malta huwa rrelevanti – ix-xewqa li wieħed jindifen f'art twelidu ma tfissirx li ried jerġa' jgħix hemmhekk. Huwa minnu li xtrat xi proprjetajiet Malta, iżda hija bigħithom f'ħajjitha, u dan ukoll jeskludi l-fatt li kellha xi intenzjoni tgħix Malta fl-aħħar snin ta' ħajjitha għaliex dan kien jerġa' jirriżuxxita d-domiċilju ta' l-oriġini (*domicil of origin).*

"Fir-rigward tal-kwistjoni li qajmu l-intervenuti u *cioe'* li l-mejta kienet għadha miżżewġa lil Emanuel Micallef u allura l-attur ma jistax jgħid li huwa żewġha huwa ċar li dan l-argument ma jreġix u lanqas ma jiswa li d-divorzju ma ġiex reġistrat f'Malta. Il-mejta żżewġet leġittimament l-Awstalja għaliex iż-żwieġ tagħha ġie dissolt hemmhekk u billi hija kienet domiċiljata hemmhekk setgħet tiżżewweġ hemmhekk għaliex anke skond in-normi tad-dritt internazzjonali privat persuna għandha l-kapacita` li tiżżewweġ jekk tista' tagħmel dan skond il-*lex domicilii* – dan huwa anke rifless fil-liġi taż-żwieġ tagħna. It-tesmenti li kienet għamlet qabel iżżewġet ma jistgħux jitqiesu li għadhom japplikaw u f'kull każ ma jirriżultax li l-persuni li kellhom jibbenefikaw minnhom intervjenew fil-kawża. L-intervenuti ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawn il-persuni u ċertament ma wrewx lill-Qorti li għandhom xi dritt fir-rigward tal-wirt tal-mejta u għalhekk l-attur għandu jiġi kunsidrat bħala żewġ il-mejta u kif jirriżulta mill-atti esebiti għandu d-dritt jimpossessa ruħu mill-proprjeta` mobbli tagħha li jinsabu Malta.

"Għandu jingħad li l-Qorti tħoss li t-tieni talba ta' l-attriċi hija superfluwa in vista ta' l-aħħar talba u tħoss ukoll li meta l-Bank konvenut jirrilaxxa l-fondi kollha miżmuma f'isem il-mejta ser ikun qed iħallas il-flus in kwistjoni bl-imgħaxijiet ukoll billi l-kontijiet għadhom miftuħa u qed irendu l-imgħax.

"M'hemmx allura lok għal likwidazzjoni ta' dawn il-fondi ladarba ser jitħallsu kollha lill-attriċi *nomine*.

"**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Bank konvenut u ta' l-intervenuti fil-kawża u għalhekk filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, tilqa' l-ewwel, it-tielet u r-raba' talba attriċi. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**"

**Appell principali dezert**

B'decizjoni ta' din il-Qorti kif registrata fil-verbal tat-3 ta' Mejju 2010 l-appell principali tal-intervenuti fil-kawza gie

dikjarat dezert u l-appell incidentali tal-konvenuti Bank of Valletta p.l.c thalla ghas-sentenza ghal-lum fuq il-kap tal-ispejjez tal-kawza.

**Appell tal-bank konvenut**

Il-bank konvenut appella incidentalment mis-sentenza tal-ewwel Qorti b’dan l-aggravju:

Il-Bank of Valletta p.l.c. jikkontendi li huma m’ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza billi hu gie rinfaccjat b’zewg talbiet kontestwali minn persuni differenti li qed jirreklamaw li huma werrieta ta’ Carmen Montebello sive Micallef sive Abbot u cioe` minn Lindsay James Abbot u l-appellanti Jimmy Montebello u Mary Camilleri.

Il-kontropartijiet ma wiegbux l-appell incidentali u lanqas ma ghamlu sottomissjoniijiet orali quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju sollevat mill- bank.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Il-Bank konvenut qed jillanja li hu m’ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza u tal-appell, billi hu gie rinfaccjat b’talbiet konkorrenti u ma ngiebet l-ebda prova skond il-Ligi dwar l-identita` tad-*decujus* Connie Montebello u lanqas dwar id-domicilju tal-istess Connie Montebello; ghalhekk hu ma setghax jiddeciedi min kellu ragun u jirrilaxxa l-flus, u ghalhekk stenna l-gudizzju tal-Qorti qabel jirrilaxxjahom. Il-Bank gie, pero` penalizzat talli ghamel hekk billi gie akkollat b’parti mill-ispejjez. Skond il-bank l-ispejjez f’dan il-kaz ghandhom jigu sopportati minn dak il-konkorrent ghall-eredita` li l-Qorti sabet li ma kienx gustifikat fit-talba li ghamel lill-bank biex jizbanka l-flus.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-aggravju tal-bank appellant huwa fondat u ghandu jigi milqugh. Jirrizulta f’dan il-kaz li l-appell principali tal-intervenuti fil-kawza gie dikjarat dezert mentri l-attur ma appellax mid-decizjoni tal-ewwel Qorti fuq il-kap tal-ispejjez anzi talab li s-sentenza tigi kkonfermata *in toto*; ghalhekk hu accetta li l-l-ispejjez jibqghu bla taxxa kif deciz mill-ewwel Qorti.

L-ewwel Qorti dehrilha li fic-cirkostanzi l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u din il-Qorti mhix ser tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-attur u l-intervenuti fil-kawza; imma mhux fir-rigward tal-bank konvenut u dan stante li l-bank ghandu ragun jikkontendi li hu kien gustifikat li jidderigi lill-partijiet jirrizolvu l-pendenza taghhom bil-Qorti u mhux jippretendu li hu jiddeciedi lil min jirrilaxxja l-flus. Jirrizulta li l-kwistjoni bejn il-kontendenti ma kienitx wahda *di facile spedizione* u l-bank u ma nghatax l-informazzjoni kollha necessarja.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma kienx gustifikat li l-bank konvenut jigi akkollat anke b'parti mill-ispejjez billi huwa agixxa korrettement.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu u tirriformaha kwantu ghall-kap tal-ispejjez billi fil-kaz tad-decizjoni tal-prim istanza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn l-attur u l-intervenuti fil-kawza mentri l-ispejjez tal-konvenut Bank of Valetta ghandhom jigu sopportati mill-attur u intervenuti fil-kawza indaqs bejniethom, mentri l-ispejjez ta' dana l-appell, inkluz l-appell incidentali ghandhom jigu sopportati kollha mill-intervenuti fil-kawza solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------